MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 97/2013

**A B**

**-vs-**

**C B xebba S**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi huwa zzewweg lil C B xebba S, karta tal-identita` numru 633149(M) nhar it-tmintax (18) ta’ Awwissu tas-sena elf disa` mija u sittin (1968) kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dok. ‘A’.

Illi l-partijiet isseparaw hafna aktar minn erba` snin ilu u dana kif turi ittra legali datata sitta (6) ta’ Frar tas-sena elfejn u tnejn (2002) mibghuta mill-legali tal-esponenti, li

kienet indirizzata lid-Direttur tas-Sigurta Socjali hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ‘B’.
Illi minn dan iz-zwieg huma ghandhom erbat ulied R, S u L B u M mizzewga P li huma lkoll maggorenni.

Illi l-esponenti ilu aktar minn erba` snin jghix separatament mill-imsemmija C B xebba S u m’hemm l-ebda prospett ta’ rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi l-esponenti m’ghandu l-ebda obbligu ta’ manteniment fil-konfront tal-imsemmija C B xebba S.

Illi ghalhekk ir-rekwiziti ta’ Artikolu 66B tal-Kodici Civili huma lkoll sodisfatti.

Talbet sabiex l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn l-esponenti u l-imsemmija C B, kif dispost mil-ligi, prevja kwalunkwe medjazzjoni li dina l-Onorabbli Qorti tista` tordna bejn iz-zewg partijiet ai termini tal-Artikolu 66 I tal-Kodici Civili.

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi fl-ewwel lok, l-esponenti tigbed l-attenzjoni illi kienet giet pronunzjata s-separazzjoni personali ta’ bejn il-kontendenti, bi htija imputabbli lill-intimat u dan permezz ta’ sentenza tad-29 ta’ Mejju 2003 (anness Dok A), u ghalhekk ma hemmx bzonn ta’ medjazzjoni kif mahsuba fl-Artikolu 66 I;
2. Illi fit-tieni lok, permezz tal-imsemmija sentenza, l-esponenti ghandha d-dritt tal-manteniment, izda l-intimat qatt ma kien gie obbligat jhallas retta alimentari f’dan sens ghaliex l-esponenti ma seghtetx tghmel tali talba peress illi huwa kien abbandunaha u addirittura telaq barra mill-pajjiz;
3. Illi nonostante dan, l-esponenti tiddikjara illi fil-fatt, ir-rekwiziti skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 huma sodisfatti stante illi ilhom separati ghal dawn l-ahhar ghaxar snin u li ma hemm l-ebda manteniment dovut, u

ghalhekk ma topponix ghat-talba attrici ghall-hall taz-zwieg;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Marzu, 2013;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mid-29 ta' Mejju 2003

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, kif ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------